MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 266/2004

Carmen Grech
vs
Deborah Fenech De Fremaux u b'digriet tal-31 ta' Mejju 2005 Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Mario Mifsud Bonnici gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Deborah Fenech De Framaux

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attrici li biha ppremettiet:

Illi l-attrici kienet kreditrici tal-konvenuta fis-somma ta' disat elef, hames mija u sitt liri Maltin (Lm9,506) rapprezentanti prezz ta' hwejjeg mibjugha u konsenjati lill-konvenuta kif kien jidher mill-prospett anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok A;

Illi minkejja li interpallata thallas dan l-ammont, il-konvenuta kienet baqghet inadempjenti;

Illi d-debitu kien cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-attrici, il-konvenuta ma kellhiex eccezzjonijiet validi x’topponi kontra t-talbiet attrici;

L-attrici talbet lill-Qorti:

1. Taqta’ u tiddeciedi l-kawza a tenur tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe` bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tiddikjara lill-konvenuta debitrici tal-attrici fis-somma ta’ disat elef, hames mija u sitt liri Maltin (Lm9,506);

3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta’ disat elef, hames mija u sitt liri Maltin (Lm9,506), dovuti kif inghad.

Bl-ispejjes, inkluzi l-ittra ufficjali datata 2 ta’ April 2004 u l-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat il-verbal tal-31 ta’ Jannar, 2006 li permezz tieghu l-Qorti awtorizzat lil Dr. Beppe Fenech Adami u lill-P.L. Mario Mifsud Bonnici biex jipprezentaw nota ta’ eccezzjonijiet.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew:

Preliminarjament illi t-talbiet attrici kienu preskritti a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi fil-mertu l-kuraturi deputati rrilevaw li huma ma kienux edotti mill-fatti li kienu taw lok ghal din il-kawza u rriservaw

li jressqu eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba huma kienu jkunu edotti minn dawn il-fatti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-kuraturi deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici.

Xehdet l-attrici Carmen Grech li qalet li l-konvenuta kienet debitrici taghha fl-ammont ta' Lm9,506 u li mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni ma hallsitha xejn. Ziedet li hi ghandha hanut u tbiegh ***designer clothes***. Il-konvenuta kienet klijenta regolari taghha u kienet tixtri ghaliha stess. Kienet ilha snin klijenta taghha. Il-konvenuta kienet gieli thallas ***cash*** u gieli b'***bank draft***. Qalet li l-konvenuta kienet tixtri hafna minghandha. Id-darba li marret tixtri u ma hallsithiex kienet it-23 ta' Ottubru 2002.

Gie prezentat affidavit tal-attrici Carmen Grech li fih issemma li lill-konvenuta kienet taqdiha Lorraine li tigi bint ix-xhud. Il-konvenuta mhux dejjem kienet thallas immedjatament pero` qabel il-kaz in kwistjoni dejjem kienet hallset. Il-konvenuta kienet qaltilha li ser tibghat il-flus minn barra u l-attrici tatha l-***account number*** tal-hanut. Lorraine kienet baqghet f'kuntatt mal-konvenuta. L-attrici kienet tistaqsi lil bintha biex tara meta l-konvenuta kienet ser thallas, u l-konvenuta kienet issostni li ser thallas dalwaqt. L-attrici bdiet tibza' li mhux ser tithallas u ghalhekk iddecidiet li tipprezenta c-citazzjoni odjerna.

Gie prezentat affidavit ta' Lorraine Delia li fih issemma li hi tigi bint l-attrici. Qalet li lill-konvenuta ilha tafha minn xi s-sena 2000. Hi kienet klijenta regolari taghhom u kienet

taghtihom l-impressjoni li kellha hafna flus x'tonfoq. Kienet taf li l-konvenuta kienet issiefer spiss fuq xoghol ghax qabel ma ssiefer kienet dejjem taghmel xirja. Qalet li l-konvenuta mhux dejjem kienet thallas immedjatament u gieli kienet thallas b'***cheque*** jew ***bank draft***, pero` l-aktar li kienet thallas kien ***cash.*** Il-konvenuta kienet darba anke marret id-dar biex thallasha, u darba ohra ltaqghet maghha tas-Sliema biex thallasha. Ix-xhud lill-konvenuta gieli tatha l-hwejjeg qabel ma kienet thallashom. Darba minnhom il-konvenuta kienet marret ghamlet xirja hwejjeg ghax qaltilhom li kienet ser issiefer ghal tliet xhur u kienet nefqet b'kollox Lm9,506. Il-konvenuta hadet kollox maghha izda ma kellhiex flus fuqha. Huma tawha l-***account number*** tal-hanut biex tibghatilhom il-flus minn barra. Ix-xhud kienet baqghet f'kuntatt mal-konvenuta li min-naha taghha kienet dejjem tghid li ser thallas, izda li kellha xi problemi ghax l-***accounts*** taghha kienu ***frozen***. Qalet li darba minnhom kienu marru l-membri tas-CID l-hanut biex jistaqsu dwar ***bank draft*** li kienet hallset bih il-konvenuta.

Gie prezentat affidavit ta' Dr. Katya Azzopardi li fih hemm diversi traskrizzjonijiet ta' ***text messages***.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

L-eccezzjoni tal-konvenuta hija bazata fuq l-artikolu 2148 (b). Dan l-artikolu dwar il-preskrizzjoni jghid:

"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar: …

(b) l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut;"

Importanti li wiehed isemmi dak li jpprovdi l-artikolu 2160:

**"2160.** (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.

(2) Jekk il-gurament jigi moghti lill-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew lil ohrajn li l-jeddijiet taghhom gejjin minghand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-haga ghandha tinghata."

Fil-kawza deciza mill-Onor Appell Kummercjali fit-18 ta' Jannar 1995 fl-ismijiet **Lorraine Pirotta vs Frederick Zammit Gera et noe** inghad li dak li huwa kompatibbli ma' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bhal dik imsemmija fl-artikolu 2148 (b) huwa li jigi dikjarat mill-eccipjenti li "… mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa" kif jippreskrivi l-artikolu 2160 (1) Kapitolu 16.

Fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Imh. F. G. Camilleri) fit-8 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet **Dr. Thomas Abela vs Saviour Camilleri** inghad li Il-preskrizzjoni tat-18 il-xahar kontemplata fl-artikoli 2148 (a) u (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta hija applikabbli ghall-persuni mnizzla fil-paragrafu msemmi (hajjata, skrapan, mastrudaxxa ecc.) li jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal ftehim li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti mhux ix-xoghol imma l-prodott tax-xoghol.

Distinzjoni bejn bejgh bl-ingrossa u bl-imnut. Ara App. Kum. **Adrian Strickland noe vs Anthony Sammut** 3/6/75.

Illi fil-kaz in ezami ma telghetx il-konvenuta tixhed u tistqarr li mhix debitrici jew li ma tiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa jew le. Huwa veru li fil-kaz in ezami ma xehdtix il-konvenuta ghax din imsiefra b'mod permanenti u deher ghaliha l-kuratur Dr. Beppe Fenech Adami izda l-Qorti ma thossx li tista' tqis li l-attrici ma gieghelitx lill-konvenuta tixhed ghax b'ebda mod ma kienet f'dan l-istat. Il-Legislatur ried li biex tigi sollevata din il-preksrizzjoni f'kazijiet bhal dawn ikun hemm xi forma ta' dikjarazzjoni mill-persuna allegatament debitrici u tant kemm hu hekk li fis-sub-paragrafu 2 tal-artikolu 2160 jitkellem dwar x'ghandhom jaghmlu l-werrieta tal-persuna halli ma tigix din l-eccezzjoni sollevata b'mod tant legger. Il-Qorti ghalhekk thoss li ma tistax tilqa' l-eccezzjoni sollevata

mill-kuratur u dan anke ukoll dovut ghall-fatt li jidher li kien hemm diversi accettazzjonijiet da parti tal-konvenuta tad-debitu mit-traskrizzjoni tal-messaggi mibghuta. Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel eccezzjoni.

It-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija li mhux edott mill-fatti. Dwar il-fatti xehdu l-attrici Carmen Grech u bintha Lorraine Delia li t-tnejn ikkonfermaw li l-konvenuta kienet hadet diversi hwejjeg u li l-ammont dovut huwa dak indikat fic-citazzjoni u cioe` ta' Lm9506 u ghalhekk tichad ukoll it-tieni eccezzjoni.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Peress li t-talba tidher gustifikata, u peress li l-eccezzjonijiet gew michuda, il-Qorti tilqa' t-talba attrici, tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' disat elef hames mija u sitt liri Maltin (Lm9506).

Bl-ispejjez u l-imghax legali kontra l-konvenuta, b'dan li l-ispejjez tal-kuraturi huma provvizorjament a karigu tal-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------